TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 152/11

**Helen Farrugia**

**vs**

**Woman Wellness Centre**

Illum 31 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'April, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tmienja u ħamsin ewro (€58), rappreżentanti prezz ta' qalziet tajjeb għall-mixi li wara xahrejn tqatta'.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat qalziet illi kien apposta sabiex tmur timxi bih u wara xahrejn dan tqatta'.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta, u għaldaqstant ma kkontestatx it-talba.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' intimata kienet għadha ma ssottomettietx risposta bil-miktub għal din it-talba.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: ...

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erbgħin ewro (€40), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**